Nru. 299

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Proprjetà fi Triq il-Ponta ta' Dragut
k/m Triq Thornton
Sliema

(ara l-pjanta f'paġna 2678) tista' tkun ta' valur storiku u arkitettoniku hekk li għandha tiġi inkluża fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termii ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà (kif murija fil-pjanta fuq paġna 2678) fi Triq il-Ponta ta' Dragut, Tignè Tas-Sliema, għandha titqies bħala bini ta' Grad 2, skond il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storik u arkitettoniku tagħha.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet f'ebda parti tal-proprjetà msemmija hawn fuq.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq l-istruttura msemmija, li jista' jkun permess, għandu jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà ssirilha xi ħsara jew tiġi meqruda bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f' artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-22 ta' April, 1997

Nru. 299

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority hereby believes that the following property, namely:–

Property at Triq il-Ponta ta' Dragut
c/w Triq Thornton
Sliema

(see plan on page 2678) could be of architectural and histori cal value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act, 1992.

(i) The property (as per site plan on page 2678) at Triq il-Ponta ta' Dragut, Tignè, Sliema, is to be cosidered as a Grade 2 listed property, as per Strucutre Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.


(ii) No development works or alterations will be permitted to any part of the aforementioned property.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissable, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If any part of the property is damaged or destroyed in contravention of this Order, the Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

22nd April, 1997



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E55548, N73974 Max E559711, N744391

Title :-

Emergency Conservation Order:

Sliema

Site at Triq il-Ponta ta' Dragut

Ref No. :- **GF 175/97**

Form No. :- MU003